**Kunsill Lokali Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg5/A50/10

22 ta' Novembru 2010

**Avviż tal-Laqgħa Nru K5/50**

Ser issir laqgħa Urġenti tal-Kunsill **Ilum it-Tnejn 22 ta' Novembru 2010, fil-5.30 p.m.** fl-uffiċċju Amministrativ 283/1 Triq D'Argens, Gzira.

*1. Tender GLC001/2010 – Resurfacing Works
Diskussjoni u Approvazzjoni re additional works due to unforeseen sub-grade in Coleridge Street.*

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skond il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

Dott. Chris Bonett B.A. LL.D.
Sindku

Marion Monaco
D/Segretarju Eżekuttiv

# Kunsill Lokali Gżira

22 ta' Novembru 2010

Ref Nru.Klg5/050

Minuti tal-**laqgħa Urġenti** Nru Klg5/50 li saret it-Tnejn 22 ta' Novembru 2010.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu 283/1 Triq D'Argens Gżira fil-5.30 p.m.

## Preżenti

Seba' membri li kienu s-Sindku Chris Bonett, il-Viċi-Sindku Joe Camilleri, l-Kunsillieri Anthony Abela, Anthony Grech, Ian Micallef, Malcolm Camilleri u Victor Rutter flimkien mad-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.

## *Chairman*

Is-Sindku Chris Bonett ppreseda l-laqgħa

## Agenda

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fit-22 ta' Novembru 2010.

**1.** ***Tender GLC001/2010 – Resurfacing Works*** – Diskussjoni u Approvazzjoni re *additional works due to unforeseen sub-grade in Samuel Taylor Coleridge Street*

**1.1.** Rigward is-suġġett hawn fuq sopracitat, Il-Kunsill ġie nfurmat, li matul *scarification* tal-wiċċ ta' din it-triq, nstab li din kienet mibnija fuq il-ħamrija fattur, li ma kienx magħruf waqt il-preparazzjoni tat-*tender* u għaldaqstant, ix-xogħol biex jitranġa dan is-*sub-base* ma setax jiġi nkluż.

Skont ir-rapport li bagħat il-Perit tal-Kunsill Joe Bugeja (ara *appendix* Nru: 1), din in-nefqa addizzonali hi madwar €12,000 li ġiet bbażata *on pro-rata unit rates of the contracted rates* for:

- *Excavation to a depth 175mm below current scarified level and removal of waste*

- *Supply lay and compact 125mm cement stabilized base course*

- *Supply lay and compact 50mm course of Type 1 material*

Matul id-diskussjoni li saret, intlaħaq ftehim unanimament, biex tintalab gwida mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali minħabba li l-varjazzjoni hi aktar għolja minn 20% u din tkun tirrikjedi li jew toħroġ sejħa għall-offerti għal dik il-parti tal-varjazzjoni jew toħroġ sejħa ġdida għax-xogħol kollu.

Il-laqgħa ntemmet fis-6.30 p.m.

| | |
|---|---|
| Dott. Chris Bonett B.A. LL.D.<br>Sindku | Marion Monaco<br>D/Segretarju Eżekuttiv |